**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**MAGISTRAT**
**DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Brian Aber**

**Illum 6 ta' Lulju 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Brian Aber ta' disgha u tletin (39) sena bin Francis Xavier u Rita xebba Mamo, imwieled Pietà fl-1 ta' Ottubru 1976 u residenti 7, Triq Sant' Anna, Qrendi, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 517976(M), talli fl-1 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-22:35 ta' filghaxija gewwa Haz-Zebbug:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Bruno de Bon fil-periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifikaw Dr.Caroline Jarte M.D. u Dr.Robert Patiniott M.D.;
2. Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marie de Bon, hekk kif iccertifika Dr.Robert Patiniott M.D.;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: il-kunsens ta' l-Avukat Generali Dok. "A"; estratt tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat Dok. "B"; stqarrija rilaxxata mill-imputat Dok. "C"; rapport tal-Pulizija dwar il-kaz Dok. "D", il-fedina penali ta' l-imputat Dok. "E", zewg certifikati medici pertinenti ghall-griehi li soffrew il-*parte civile* Dok. "F" u Dok. "G"; u dikjarazzjoni ta' l-imputat ta' Rifjut ghall-Jedd tal-Parir Legali Dok. "H";

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu anke wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet lill-Ispettur Kyle Borg tispjega l-verzjonijiet tal-fatti kif moghtija lilha kemm mill-imputat kif ukoll mill-*parte civile* u ddikjarat illi filwaqt li ghandu jkun hemm

piena li tirrifletti l-griehi mgarba mill-*parte civile*, m'hemmx insistenza ghall-habs effettiv ghar-raguni li dana kien kaz li sfortunatament eskala bejn il-partijiet anki minhabba diffikultajiet ta' kommunikazzjoni;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fl-1 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-22:35 ta' filghaxija gewwa Haz-Zebbug: (1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Bruno de Bon fil-periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifikaw Dr.Caroline Jarte M.D. u Dr.Robert Patiniott M.D.; (2) u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marie de Bon, hekk kif iccertifika Dr.Robert Patiniott M.D.

L-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u dana baqa' hekk iwiegeb anke wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li ikkoopera mal-Pulizija izda hadet ukoll in konsiderazzjoni n-natura tal-griehi sofferti mill-*parte civile*.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 216, 218 u 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija izda, billi Hija tal-fehma li f'dan il-kaz hemm ragunijiet, fosthom il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li kkoopera mal-Pulizija, li jaghtu lok ghas-sospensjoni tal-piena karcerarja hawn imposta, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sentejn (2) prigunerija ghal tliet (3) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**